

V

(Avviżi)

## PROĊEDURI TAL-QORTI

## IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-10 ta' Ġunju 2010 (talba għal deċiżjoni preliminari mill-Corte d'appello di Roma — l-Italja) — Istituto nazionale della previdenza sociale (INPS) vs Tiziana Bruno, Massimo Pettini (C-395/08), Daniela Lotti, Clara Matteucci (C-396/08)**

(Kawżi magħquda C-395/08 u C-396/08) <sup>(1)</sup>

(Direttiva 97/81/KE — Ftehim Qafas dwar xogħol part-time — Trattament ugwali bejn ġaddiem part-time u ġaddiem full-time — Kalkolu tal-anzjanitā meħtieġa sabiex tinkiseb pensjoni ta' rtirar — Esklużjoni tal-perijodi mhux maħduma — Diskriminazzjoni)

(2010/C 274/02)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinvju**

Corte d'appello di Roma

**Dispożittiv**

- (1) Fir-rigward tal-pensionijiet ta' rtirar, il-klawżola 4 tal-Ftehim Qafas dwar xogħol part-time anness mad-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE, tal-15 ta' Diċembru 1997, li tikkonċerna l-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC, għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li, fir-rigward tal-ħaddiem part-time vertikali li jałterna, teskludi l-perijodi mhux maħduma mill-kalkolu tal-anzjanitā meħtieġa sabiex jinkiseb dritt għal tali pensjoni, kemm-il darba tali trattament differenti ma huwiex iġġustifikat minn raġunijiet oġġettivi.
- (2) Fil-każ fejn il-qorti tar-rinvju tasal għall-konklużjoni li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawżi prinċipali hija inkompatibbli mal-klawżola 4 tal-Ftehim Qafas dwar xogħol part-time anness mad-Direttiva 97/81, il-klawżoli 1 u 5(1) tal-imsemmi Ftehim Qafas għandhom jiġu interpretati fis-sens li anki dawn jipprekludu tali leġiżlazzjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU C 327, 20.12.2008

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Istituto nazionale della previdenza sociale (INPS)

Konvenuti: Tiziana Bruno, Massimo Pettini (C-395/08), Daniela Lotti, Clara Matteucci (C-396/08)

Talba għal deċiżjoni preliminari m'ressqa mil-Landesgericht Innsbruck (l-Awstrija) fl-14 ta' Ġunju 2010 — Gebhard Stark vs D.A.S. Österreichische Allgemeine Rechtsschutzversicherung AG

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Corte d'appello di Roma — Interpretazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE, tal-15 ta' Diċembru 1997, li tikkonċerna il-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC — Anness: il-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time (ĠU L 1, p. 9) — Ħaddiem part-time li jaħdmu xi xħur fis-sena u li ma jaħdmux il-kumplament tas-sena — Esklużjoni tal-perijodi mhux maħduma mill-kalkolu tal-pensioni tal-anzjanitā

(Kawża C-293/10)

(2010/C 274/03)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinvju**

Landesgericht Innsbruck